C/2026/1678

22.4.2026

P10_TA(2025)0270

Il-ftehim UE-Monaco dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji: Protokoll Emendatorju

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2025 dwar il proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali f'konformità mal-Istandard għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet Fiskali żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Cooperation and Development) (COM(2025)0404 – C10-0202/2025 – 2025/0219(NLE))

(Konsultazzjoni)

(C/2026/1678)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2025)0404),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali f'konformità mal-Istandard għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet Fiskali żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) (COM(2025)0404),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0202/2025),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 84 u l-Artikolu 117(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0198/2025),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Prinċipat ta' Monaco.